MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 596/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**MARLON ZARB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marlon Zarb ta' 24 sena iben Robert u Marcelline nee Portelli, imwieled Pieta nhar 23/10/1988, u residenti 43, Anne Court, Flat 4, Triq Nazju Ellul, Gzira detentur tal-karta ta' l-identita numru: 486288M.

Gie akkuzat talli:-

1. Nhar il-24 ta' Jannar 2013 ghal habta ta' sebgha u nofs ta' filghodu gewwa Triq Aldo Moro, Marsa kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 239 ta' l-ghamla Fiat Uno ta' kulur blu minghajr polza ta' assigurazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) u 3(2) (c) tal-Kapiltolu 104;

2. Nhar il-24 ta' Jannar 2013 ghal habta ta' sebgha u nofs ta' filghodu gewwa Triq Aldo Moro, Marsa kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 239 ta' l-ghamla Fiat Uno ta' kulur blu minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura ohra minghajr licenzja jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, jew saqha b'nuqqas ta' kont bi traskuragni, jew b'xi mod perikoluz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Awtorita relevanti u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz , (Art. 15(1)(2), 16(3) LS 65.11);

4. U akkuzati talli rendew ruhom recedivi b'diversi sentenzi moghtija lihom mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru defenettivi w ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 50 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-iswalifika ta' kull licenza tas-sewqan ta' l-imsemmi Marlon Zarb ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-vettura uzatta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SM5 u nnutat li l-imputat Marlon Zarb m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-art. 3(1), 3(2)(c) u 3(2A) tal-Kap. 104, l-art. 15(1)(a) u 15(1)(2) tal-Kap. 65 u l-art. 17, 31 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marlon Zarb fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tikkundanna lill-imputat Marlon Zarb ghall-piena komplessiva ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Ewro (Ewro 3,494) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Marlon Zarb milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------